Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Settembru 2018**
**(OR. en)**

**11951/18**

**STAT 6**
**FIN 637**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 8 ta' Awwissu 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 578 final |
| Suġġett: | RAPPORT MILL-KUMMISSJONI dwar l-użu ta' persunal bil-kuntratt fl-2016 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 578 final.

Mehmuż: COM(2018) 578 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.8.2018
COM(2018) 578 final

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI**

**dwar l-użu ta' persunal bil-kuntratt fl-2016**

# WERREJ


1. Introduzzjoni ... 2
2. Ix-xejra tan-numri tal-persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni sa mill-2004 ... 4
3. Distribuzzjoni skont il-ġeneru u skont il-grupp ta’ funzjonijiet tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni ... 6
4. Distribuzzjoni skont in-nazzjonalità tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni ... 8
5. Distribuzzjoni skont id-DĠ tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni ... 13
5.1. Distribuzzjoni skont il-ġeneru u skont id-DĠ ... 14
5.2. Distribuzzjoni skont it-tip ta' kuntratt ... 15
5.2.1 Persunal bil-kuntratt 3a ... 15
5.2.2 Persunal bil-kuntratt 3b ... 16
6. Distribuzzjoni tal-persunal bil-kuntratt bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra ... 17
6.1. Distribuzzjoni tal-persunal bil-kuntratt bejn l-istituzzjonijiet l-oħra ... 18
6.1.1 Distribuzzjoni skont il-ġeneru u skont il-grupp ta' funzjonijiet fl-istituzzjonijiet l-oħra ... 20
6.1.2 Distribuzzjoni skont in-nazzjonalità fl-istituzzjonijiet l-oħra ... 20
6.2. Distribuzzjoni tal-persunal bil-kuntratt fl-aġenziji ... 21
6.2.1 Distribuzzjoni skont il-ġeneru u skont il-grupp ta' funzjonijiet fl-aġenziji ... 22
6.2.2 Distribuzzjoni skont in-nazzjonalità fl-aġenziji ... 24

# 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jissodisfa l-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 79(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS), li jistipula li "*l-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport kull sena dwar l-użu tal-persunal bil-kuntratt inkluż in-numru tal-persunal, il-livell u t-tip ta' pożizzjonijiet, il-bilanċ ġeografiku u r-riżorsi tal-estimi għal kull grupp tal-funzjoni*". Huwa jagħti stampa dettaljata tal-persunal bil-kuntratt impjegat fl-istituzzjonijiet Ewropej fil-31 ta' Diċembru 2016.

Dan ir-rapport jinkludi data għal 56 entità differenti: a) 10 istituzzjonijiet Ewropej; u b) 46 aġenzija jew Impriża Konġunta kif definiti fl-Artikolu 1(a) tar-Regolamenti tal-Persunal[1].

Id-data dwar il-Kummissjoni hija aktar dettaljata u tinkludi l-persunal bil-kuntratt kollu, jiġifieri l-persunal iffinanzjat minn linji tal-baġit amministrattivi, operazzjonali u ta' riċerka[2].

Il-kategorija tal-persunal bil-kuntratt inħolqot fl-2004 bħala parti mir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-persunal bil-kuntratt ta kontribut siewi għall-ħidma tal-istituzzjonijiet billi wettaq, b'inqas spejjeż, attivitajiet ta' appoġġ amministrattiv u billi pprovda ħiliet li mhumiex dejjem disponibbli faċilment fl-istituzzjonijiet.

L-Artikoli 3a u 3b tas-CEOS jiddefinixxu r-rwol tal-persunal bil-kuntratt u l-funzjonijiet li jista' jwettaq.

Persunal bil-kuntratt 3a jista' jiġi ingaġġat, fuq bażi part-time jew full-time f'pożizzjoni mhux inkluża fil-pjan ta' stabbiliment:

- għas-servizzi tal-istituzzjonijiet: biex iwettaq kompiti manwali jew ta' appoġġ amministrattiv fil-grupp ta' funzjonijiet I,
- għar-Rappreżentanzi u d-Delegazzjonijiet tal-UE, u għall-Aġenziji u entitajiet oħra: biex iwettaq il-funzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 80.2 tas-CEOS fil-gruppi ta' funzjoni I, II, III u IV.

Dan il-persunal jibbenefika minn kuntratt li jista' jiġi kkonvertit f'kuntratt għal żmien indeterminat, wara l-ewwel tiġdid.

[1] In-numru totali ta' istituzzjonijiet, aġenziji u Impriżi Konġunti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal huwa 58. Dan jinkludi (i) il-Kummissjoni, (ii) id-9 istituzzjonijiet l-oħrajn kif imsemmija fit-Taqsima 6.1 u (iii) is-46 aġenzija u Impriża Konġunta kif imsemmija fit-Taqsima 6.2, iżda wkoll il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti, li mhumiex imsemmija f'dan ir-rapport peress li ma jħaddmux aġenti bil-kuntratt. Għandu jiġi nnotat li r-Regolamenti tal-Persunal ma japplikawx għall-Bank Ċentrali Ewropew u għall-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, li adottaw regoli speċifiċi għall-persunal tagħhom. Għalhekk, dawn l-istituzzjonijiet ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Rapport.

[2] Għandu jiġi nnotat li d-data baġitarja (li tintbagħat kull sena lill-Awtorità tal-Baġit mal-abbozz tal-baġit - id-Dokument ta' Ħidma, il-partijiet II u III) turi n-numri tal-persunal bil-kuntratt fiż-żmien meta jiġi ppreżentat l-abbozz tal-baġit (inkluż il-persunal bil-kuntratt rreklutat permezz tad-dħul allokat), jiġifieri: rendikont tal-pożizzjoni fl-1 ta' April tas-sena N-1 (fejn "N" hija s-sena tal-abbozz tal-baġit), l-implimentazzjoni tal-baġit fis-sena N-2 u t-talbiet għall-approprjazzjonijiet bi stima bħala ekwivalenti għal impjegati full-time għas-sena N. Dan jispjega għaliex jidhru xi differenzi fin-numru tal-persunal bil-kuntratt, skont is-sors tad-data. Peress li bosta linji tal-baġit jinkludu approprjazzjonijiet għall-persunal estern mingħajr ma jistabbilixxu distinzjoni bejn il-kategoriji differenti ta' dak il-persunal, iċ-ċifri tal-baġit iwasslu l-aħjar stimi possibbli bbażati fuq il-medja probabbli tal-ispejjeż u t-tqassim bejn il-kategoriji.

Persunal bil-kuntratt tat-tip 3b huwa impjegat:

- għat-twettiq ta’ kompiti oħrajn barra dawk imsemmija fl-Artikolu 3a tas-CEOS f’pożizzjoni mhux inkluża fil-pjan ta’ stabbiliment, jew
- sabiex jissostitwixxi uffiċjal jew membru tal-persunal temporanju li jkun jinsab temporanjament inkapaċi li jwettaq dmirijietu.

Dan il-persunal huwa ingaġġat għal perjodi qosra, minn minimu ta’ tliet xhur sa massimu ta’ sitt snin.

L-Artikolu 80 tas-CEOS jistabbilixxi rabta bejn kull grupp ta' funzjonijiet (FG) u l-kompiti li jistgħu jitwettqu mill-persunal bil-kuntratt:

| Grupp ta’ funzjonijiet | Grad | Il-kompiti |
|---|---|---|
| IV | minn 13 sa 18 | Kompiti amministrattivi, konsultattivi, lingwistiċi u kompiti tekniċi ekwivalenti, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' uffiċjali jew ta’ persunal temporanju |
| III | minn 8 sa 12 | Kompiti eżekuttivi, ta' abbozzar, ta' kontabbiltà u kompiti tekniċi ekwivalenti, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' uffiċjali jew ta’ persunal temporanju |
| II | minn 4 sa 7 | Kompiti klerikali u segretarjali, l-immaniġġar ta' uffiċċju u kompiti ekwivalenti oħra, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' uffiċjali jew ta’ persunal temporanju |
| I | minn 1 sa 3 | Kompiti manwali u ta' appoġġ amministrattiv, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' uffiċjali jew ta' persunal temporanju. |

## 2. IX-XEJRA TAN-NUMRI TAL-PERSUNAL BIL-KUNTRATT FIL-KUMMISSJONI SA MILL-2004

Fil-31 ta' Diċembru 2016, 10 istituzzjonijiet jew 46 aġenzija jew Impriża Konġunta kienu qed jimpjegaw madwar 12 800 membru tal-persunal bil-kuntratt. Din tirrappreżenta żieda ta' 9,4 % meta mqabbla mal-2015. Madankollu, jista' jiġi nnotat li l-piż relattiv tal-Kummissjoni fl-użu ta' persunal bil-kuntratt qed ikompli jonqos, kien 55 % fl-2016 meta mqabbel ma' 57 % fl-2015 u 58 % fl-2014 u l-2013. Dan huwa dovut għaż-żieda proporzjonalment ogħla fl-2016 fin-numru ta' persunal bil-kuntratt li jservi f'istituzzjonijiet u aġenziji oħra (+14%) milli fil-Kummissjoni (+7%).

Id-distribuzzjoni fid-dettall skont l-istituzzjonijiet u l-aġenziji hija analizzata aktar 'l isfel f'dan ir-rapport.

L-evoluzzjoni fil-Kummissjoni mill-2004 hija kif ġej[3]:

**Tabella 1 Ix-xejra fi ħdan il-Kummissjoni**




| sena | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Persunal | 514 | 2787 | 4966 | 5494 | 5756 | 6018 | 5979 | 5977 | 5921 | 5807 | 6440 | 6652 | 7131 |

Iż-żieda inizjali fin-numru ta' persunal bil-kuntratt li jaħdem fil-Kummissjoni hija dovuta għal a) is-sempliċi implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet statutorji tal-2004, u dan jimplika s-sostituzzjoni gradwali tal-kategoriji preċedenti tal-persunal awżiljarju (madwar 3 000 fl-2003) u ta' uffiċjali u aġenti temporanji tal-livell D, u b) il-konverżjoni ta' pożizzjonijiet ta' uffiċjali permanenti f'approprjazzjonijiet għal persunal bil-kuntratt f'uffiċċji amministrattivi.

Minbarra dan, ġie impjegat ukoll persunal bil-kuntratt bħala sostituti temporanji għal persunal permenanti, kif stipulat fl-Artikolu 3b tas-CEOS, sabiex tiġi żgurata kontinwità effettiva tan-negozju.

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, in-numru ta' persunal bil-kuntratt żdied kull sena sal-2009.

Mill-2010 sal-2013, in-numru ta' persunal bil-kuntratt baqa' stabbli, bi tnaqqis żgħir minħabba diversi raġunijiet konkorrenti (pereżempju, dewmien fil-finalizzazzjoni tal-listi ta' kandidati xierqa fl-2010, it-trasferiment ta' persunal lejn is-SEAE fiż-żmien tal-ħolqien tiegħu, eċċ.)

[3] Sors: Il-Pjattaforma Analitika tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni.

Mill-2014, bid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, il-perjodu ta' impjieg tal-persunal bil-kuntratt 3b ġie estiż għal massimu ta' sitt snin. Dan kien jimplika li bosta membri tal-persunal bil-kuntratt li kienu diġà għamlu tliet snin fis-servizz u fil-fatt kienu qed ikomplu jaħdmu għall-Kummissjoni bħala persunal tal-aġenziji setgħu b'hekk jiġu ingaġġati mill-ġdid għal perjodu kuntrattwali ulterjuri, b'mod li jippermetti lill-Kummissjoni li tibbenefika minn persunal bil-kuntratt diġà mħarreġ u operazzjonali. Dan żied in-numru ta' persunal bil-kuntratt, filwaqt li naqqas in-numru ta' persunal tal-aġenziji interim (imħallsa mill-istess approprjazzjonijiet baġitarji). B'mod partikolari, in-numru ta' persunal tal-aġenziji naqas minn 415 fl-1 ta' Lulju 2013 għal 89 fl-1 ta' Lulju 2016.

F'dawn l-aħħar sentejn (2015 u 2016), iż-żieda fil-persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni hija dovuta prinċipalment (jiġifieri, għal madwar 75 %) għax-xogħol xjentifiku addizzjonali mwettaq miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għal servizzi oħrajn tal-Kummissjoni u s-sostituzzjoni tad-detenturi tal-għotjiet skont il-liġi nazzjonali mill-aġenti bil-kuntratt FGIV (sa 500 persunal f'dawn l-aħħar sentejn), bl-għadd totali tal-persunal jibqa' sostanzjalment stabbli. Dawn il-kuntratti huma mħallsa mill-programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni, l-Orizzont 2020 u l-Programm Euratom (pereżempju, għalhekk b'impatt żgħir fuq l-Intestatura 5 tal-baġit tal-Kummissjoni).

Għall-futur qrib, il-Kummissjoni biħsiebha tallinja l-allokazzjoni tar-riżorsi għar-reklutaġġ ta' aġenti bil-kuntratt, irrispettivament mis-sors ta' finanzjament speċifiku, mal-proċedura ġenerali tal-allokazzjoni tal-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment.

## 3. DISTRIBUZZJONI SKONT IL-ĠENERU U SKONT IL-GRUPP TA' FUNZJONIJIET TAL-PERSUNAL BIL-KUNTRATT TAL-KUMMISSJONI

Id-distribuzzjoni tal-persunal bil-kuntratt skont il-ġeneru, il-grupp ta' funzjonijiet u l-grad hija murija fit-tabella hawn taħt.

**Tabella 2A** **Distribuzzjoni skont il-ġeneru, l-FG u l-grad fl-2016**[4]




[4] Sors: Il-Pjattaforma Analitika tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni.

**Tabella 2B**

| 2016 | | Rġiel | | Nisa | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| FGIV | GFIV18 | 88 | 65.7% | 46 | 34.3% | **134** | **5.1%** |
| | GFIV17 | 123 | 66.8% | 61 | 33.2% | **184** | **7.0%** |
| | GFIV16 | 284 | 56.6% | 218 | 43.4% | **502** | **19.0%** |
| | GFIV15 | 420 | 49.9% | 422 | 50.1% | **842** | **31.9%** |
| | GFIV14 | 359 | 44.8% | 443 | 55.2% | **802** | **30.4%** |
| | GFIV13 | 74 | 42.3% | 101 | 57.7% | **175** | **6.6%** |
| | | **1348** | **51.1%** | **1291** | **48.9%** | **2639** | **37.0%** |
| FGIII | GFIII12 | 22 | 44.9% | 27 | 55.1% | **49** | **1.1%** |
| | GFIII11 | 61 | 45.2% | 74 | 54.8% | **135** | **3.0%** |
| | GFIII10 | 120 | 39.0% | 188 | 61.0% | **308** | **6.9%** |
| | GFIII09 | 177 | 35.3% | 325 | 64.7% | **502** | **11.2%** |
| | GFIII08 | 110 | 35.7% | 198 | 64.3% | **308** | **6.9%** |
| | | **490** | **37.6%** | **812** | **62.4%** | **1302** | **18.3%** |
| FGII | GFII07 | 24 | 13.0% | 160 | 87.0% | **184** | **4.1%** |
| | GFII06 | 120 | 15.2% | 670 | 84.8% | **790** | **17.6%** |
| | GFII05 | 168 | 17.9% | 770 | 82.1% | **938** | **20.9%** |
| | GFII04 | 91 | 19.8% | 369 | 80.2% | **460** | **10.2%** |
| | | **403** | **17.0%** | **1969** | **83.0%** | **2372** | **33.3%** |
| FGI | GFI03 | 161 | 70.0% | 69 | 30.0% | **230** | **5.1%** |
| | GFI02 | 321 | 61.1% | 204 | 38.9% | **525** | **11.7%** |
| | GFI01 | 44 | 69.8% | 19 | 30.2% | **63** | **1.4%** |
| | | **526** | **64.3%** | **292** | **35.7%** | **818** | **11.5%** |
| **TOTAL** | | **2767** | **38.8%** | **4364** | **61.2%** | **7131** | **100.0%** |

Fil-31 ta’ Diċembru 2016, kien hemm 7 731 membru tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz tal-Kummissjoni. L-aktar grupp ta’ funzjonijiet irrappreżentat huwa l-FGIV, li żdied minn 32 % għal 37 % tal-persunal bil-kuntratt kollu (l-aktar minħabba r-reklutaġġ fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, kif imsemmi fit-Taqsima 2 hawn fuq).

It-tqassim globali bejn l-irġiel u n-nisa baqa’ stabbli tul is-snin. Hemm proporzjon ħafna ogħla ta' nisa milli rġiel fl-FGII (83 % fl-2016) u, sa ċertu punt, anki fl-FGIII (62.4 % fl-2015). Għall-kuntrarju, fl-FGI, l-irġiel jiddominaw (64.3 % fl-2016), minħabba n-natura tad-dmirijiet imwettqa f’dan il-grupp ta’ funzjonijiet. Fl-FGIV, il-bilanċ tal-ġeneru kważi nżamm fl-2016.

## 4. Distribuzzjoni skont in-nazzjonalità tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni

Ta' min jinnota li, bħalma hu l-każ għall-uffiċjali u l-aġenti temporanji, l-ingaġġ ta' persunal bil-kuntratt jitwettaq fuq il-bażi tal-profil meħtieġ u tal-ħiliet u tal-għarfien tal-lingwi tal-kandidati, mingħajr l-ebda definizzjoni ta' kwoti nazzjonali.

Fl-2016, l-Istati Membri kollha kienu rrappreżentati fil-gruppi ta' funzjonijiet kollha bl-eċċezzjoni tal-Awstrijaċi u l-Iżvediżi fl-FGI. In-nazzjonalitajiet l-aktar rappreżentati fost il-persunal bil-kuntratt huma, f'ordni dekrexxenti: it-Taljani, il-Belġjani, il-Franċiżi, l-Ispanjoli u l-Griegi segwiti mir-Rumeni u mill-Pollakki. Is-sehem tal-ewwel erba' nazzjonalitajiet baqa' l-istess sa mill-2005 (madwar 60 %). Ir-Renju Unit u l-Ġermanja, bħall-Polonja u n-Netherlands, għandhom rappreżentanza puttost dgħajfa meta mqabbla mal-popolazzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-Belġju u l-Italja għandhom rappreżentanza għolja meta mqabbla mal-popolazzjoni tagħhom.

Wara l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Lulju 2013, 54 aġent bil-kuntratt Kroat kienu qed jaħdmu mal-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru 2016.

Id-distribuzzjoni skont in-nazzjonalità hija influwenzata minn taħlita ta' diversi fatturi, b'mod partikolari l-prossimità ġeografika mal-post fejn jinsabu l-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet Ewropej (għall-Kummissjoni, prinċipalment Brussell, il-Lussemburgu u Ispra), il-livelli tas-salarji u t-tul tal-kuntratti proposti. Huwa aktar probabbli li l-kandidati jaċċettaw pożizzjoni b'kuntratt għal żmien fiss jekk ikunu residenti fil-post fejn tkun tinsab l-istituzzjoni li toffrilhom impjieg, jew qrib tiegħu. Fil-fatt, jista' jkun diffiċli għall-kandidati bil-familja li jitilqu minn pajjiżhom u jistabbilixxu darhom fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjoni għal perjodu relattivament qasir (fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 79.2 tas-CEOS, it-tul tal-ewwel kuntratt huwa ta' sena waħda biss). Kif irrappurtat fit-tabelli ta' hawn taħt, dan hu minnu partikolarment għall-persunal bil-kuntratt tal-FGI u l-FGII, filwaqt li persunal bil-kuntratt FGIV għandu kompożizzjoni ġeografikament inqas żbilanċjata.

**Tabella 3 A Distribuzzjoni skont in-nazzjonalità u l-ġeneru tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fl-2016[5]**




[5] Sors: Il-Pjattaforma Analitika tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni.

**Tabella 3 B**

| 2016 | Rġiel | | Nisa | | TOTAL | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 29 | 44.6% | 36 | 55.4% | 65 | 0.9% |
| BE | 457 | 34.3% | 875 | 65.7% | 1332 | 18.7% |
| BG | 42 | 24.1% | 132 | 75.9% | 174 | 2.4% |
| CY | 13 | 43.3% | 17 | 56.7% | 30 | 0.4% |
| CZ | 14 | 22.2% | 49 | 77.8% | 63 | 0.9% |
| DE | 110 | 44.7% | 136 | 55.3% | 246 | 3.4% |
| DK | 16 | 45.7% | 19 | 54.3% | 35 | 0.5% |
| EE | 9 | 26.5% | 25 | 73.5% | 34 | 0.5% |
| EL | 181 | 48.8% | 190 | 51.2% | 371 | 5.2% |
| ES | 279 | 38.9% | 439 | 61.1% | 718 | 10.1% |
| FI | 23 | 37.1% | 39 | 62.9% | 62 | 0.9% |
| FR | 376 | 42.4% | 511 | 57.6% | 887 | 12.4% |
| HR | 23 | 42.6% | 31 | 57.4% | 54 | 0.8% |
| HU | 45 | 35.7% | 81 | 64.3% | 126 | 1.8% |
| IE | 26 | 38.8% | 41 | 61.2% | 67 | 0.9% |
| IT | 637 | 45.2% | 773 | 54.8% | 1410 | 19.8% |
| LT | 29 | 33.3% | 58 | 66.7% | 87 | 1.2% |
| LU | 4 | 36.4% | 7 | 63.6% | 11 | 0.2% |
| LV | 13 | 27.7% | 34 | 72.3% | 47 | 0.7% |
| MT | 4 | 25.0% | 12 | 75.0% | 16 | 0.2% |
| NL | 41 | 50.6% | 40 | 49.4% | 81 | 1.1% |
| PL | 63 | 22.9% | 212 | 77.1% | 275 | 3.9% |
| PT | 80 | 34.0% | 155 | 66.0% | 235 | 3.3% |
| RO | 114 | 30.8% | 256 | 69.2% | 370 | 5.2% |
| SE | 18 | 32.7% | 37 | 67.3% | 55 | 0.8% |
| SK | 20 | 28.2% | 51 | 71.8% | 71 | 1.0% |
| SI | 18 | 32.7% | 37 | 67.3% | 55 | 0.8% |
| UK | 74 | 54.0% | 63 | 46.0% | 137 | 1.9% |
| Oħrajn | 9 | 52.9% | 8 | 47.1% | 17 | 0.2% |
| TOTAL | **2767** | 38.8% | **4364** | 61.2% | **7131** | 100.0% |

It-Tabella 4 ta' hawn taħt tagħti analiżi tad-distribuzzjoni skont il-grupp ta' funzjonijiet, in-nazzjonalità u l-ġeneru.

**Tabella 4 Persunal bil-kuntratt skont il-ġeneru, il-grupp ta' funzjonijiet u n-nazzjonalità[6]**

**FGIV**

| 2016 | Rġiel | | Nisa | | TOTAL | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 19 | 43.2% | 25 | 56.8% | **44** | **1.7%** |
| BE | 125 | 54.1% | 106 | 45.9% | **231** | **8.8%** |
| BG | 19 | 27.5% | 50 | 72.5% | **69** | **2.6%** |
| CY | 5 | 38.5% | 8 | 61.5% | **13** | **0.5%** |
| CZ | 8 | 36.4% | 14 | 63.6% | **22** | **0.8%** |
| DE | 80 | 53.3% | 70 | 46.7% | **150** | **5.7%** |
| DK | 10 | 55.6% | 8 | 44.4% | **18** | **0.7%** |
| EL | 89 | 62.2% | 54 | 37.8% | **143** | **5.4%** |
| ES | 157 | 49.5% | 160 | 50.5% | **317** | **12.0%** |
| ET | 5 | 35.7% | 9 | 64.3% | **14** | **0.5%** |
| FI | 12 | 44.4% | 15 | 55.6% | **27** | **1.0%** |
| FR | 220 | 56.6% | 169 | 43.4% | **389** | **14.7%** |
| HR | 13 | 61.9% | 8 | 38.1% | **21** | **0.8%** |
| HU | 29 | 50.0% | 29 | 50.0% | **58** | **2.2%** |
| IE | 13 | 37.1% | 22 | 62.9% | **35** | **1.3%** |
| IT | 311 | 55.5% | 249 | 44.5% | **560** | **21.2%** |
| LT | 10 | 37.0% | 17 | 63.0% | **27** | **1.0%** |
| LU | 1 | 33.3% | 2 | 66.7% | **3** | **0.1%** |
| LV | 4 | 36.4% | 7 | 63.6% | **11** | **0.4%** |
| MT | 2 | 33.3% | 4 | 66.7% | **6** | **0.2%** |
| NL | 26 | 61.9% | 16 | 38.1% | **42** | **1.6%** |
| PL | 26 | 30.2% | 60 | 69.8% | **86** | **3.3%** |
| PT | 35 | 40.2% | 52 | 59.8% | **87** | **3.3%** |
| RO | 41 | 42.3% | 56 | 57.7% | **97** | **3.7%** |
| SE | 12 | 41.4% | 17 | 58.6% | **29** | **1.1%** |
| SK | 11 | 39.3% | 17 | 60.7% | **28** | **1.1%** |
| SI | 8 | 32.0% | 17 | 68.0% | **25** | **0.9%** |
| UK | 51 | 69.9% | 22 | 30.1% | **73** | **2.8%** |
| Oħrajn | 6 | 42.9% | 8 | 57.1% | **14** | **0.5%** |
| **Total** | **1 348** | **51.1%** | **1 291** | **48.9%** | **2 639** | **100.0%** |

**FGIII**

[6] Sors: Il-Pjattaforma Analitika tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni.

| 2016 | Rġiel | | Nisa | | TOTAL | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 8 | 61.5% | 5 | 38.5% | 13 | 1.0% |
| BE | 69 | 45.1% | 84 | 54.9% | 153 | 11.8% |
| BG | 12 | 25.0% | 36 | 75.0% | 48 | 3.7% |
| CY | 3 | 50.0% | 3 | 50.0% | 6 | 0.5% |
| CZ | 2 | 13.3% | 13 | 86.7% | 15 | 1.2% |
| DE | 17 | 34.0% | 33 | 66.0% | 50 | 3.8% |
| DK | 4 | 44.4% | 5 | 55.6% | 9 | 0.7% |
| EL | 37 | 41.6% | 52 | 58.4% | 89 | 6.8% |
| ES | 39 | 31.2% | 86 | 68.8% | 125 | 9.6% |
| ET | 3 | 50.0% | 3 | 50.0% | 6 | 0.5% |
| FI | 4 | 44.4% | 5 | 55.6% | 9 | 0.7% |
| FR | 59 | 39.9% | 89 | 60.1% | 148 | 11.4% |
| HR | 5 | 35.7% | 9 | 64.3% | 14 | 1.1% |
| HU | 8 | 38.1% | 13 | 61.9% | 21 | 1.6% |
| IE | 8 | 72.7% | 3 | 27.3% | 11 | 0.8% |
| IT | 100 | 38.2% | 162 | 61.8% | 262 | 20.1% |
| LT | 13 | 50.0% | 13 | 50.0% | 26 | 2.0% |
| LU | 0 | 0.0% | 3 | 100.0% | 3 | 0.2% |
| LV | 4 | 25.0% | 12 | 75.0% | 16 | 1.2% |
| MT | 0 | 0.0% | 2 | 100.0% | 2 | 0.2% |
| NL | 7 | 41.2% | 10 | 58.8% | 17 | 1.3% |
| PL | 15 | 25.9% | 43 | 74.1% | 58 | 4.5% |
| PT | 11 | 31.4% | 24 | 68.6% | 35 | 2.7% |
| RO | 34 | 36.2% | 60 | 63.8% | 94 | 7.2% |
| SE | 5 | 31.3% | 11 | 68.8% | 16 | 1.2% |
| SK | 5 | 35.7% | 9 | 64.3% | 14 | 1.1% |
| SI | 3 | 23.1% | 10 | 76.9% | 13 | 1.0% |
| UK | 14 | 50.0% | 14 | 50.0% | 28 | 2.2% |
| Oħrajn | 1 | 100.0% | 0 | 0.0% | 1 | 0.1% |
| Total | **490** | **37.6%** | **812** | **62.4%** | **1302** | **100.0%** |

**FGII**

| 2016 | Rġiel | | Nisa | | TOTAL | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 2 | 25.0% | 6 | 75.0% | 8 | 0.3% |
| BE | 72 | 11.1% | 576 | 88.9% | 648 | 27.3% |
| BG | 9 | 16.4% | 46 | 83.6% | 55 | 2.3% |
| CY | 4 | 40.0% | 6 | 60.0% | 10 | 0.4% |
| CZ | 3 | 12.5% | 21 | 87.5% | 24 | 1.0% |
| DE | 10 | 23.8% | 32 | 76.2% | 42 | 1.8% |
| DK | 1 | 16.7% | 5 | 83.3% | 6 | 0.3% |
| EL | 27 | 27.0% | 73 | 73.0% | 100 | 4.2% |
| ES | 37 | 18.0% | 169 | 82.0% | 206 | 8.7% |
| ET | 0 | 0.0% | 12 | 100.0% | 12 | 0.5% |
| FI | 3 | 14.3% | 18 | 85.7% | 21 | 0.9% |
| FR | 50 | 18.0% | 228 | 82.0% | 278 | 11.7% |
| HR | 4 | 22.2% | 14 | 77.8% | 18 | 0.8% |
| HU | 5 | 11.6% | 38 | 88.4% | 43 | 1.8% |
| IE | 1 | 6.3% | 15 | 93.8% | 16 | 0.7% |
| IT | 78 | 20.6% | 300 | 79.4% | 378 | 15.9% |
| LT | 5 | 15.2% | 28 | 84.8% | 33 | 1.4% |
| LU | 1 | 33.3% | 2 | 66.7% | 3 | 0.1% |
| LV | 3 | 16.7% | 15 | 83.3% | 18 | 0.8% |
| MT | 2 | 28.6% | 5 | 71.4% | 7 | 0.3% |
| NL | 5 | 26.3% | 14 | 73.7% | 19 | 0.8% |
| PL | 19 | 17.9% | 87 | 82.1% | 106 | 4.5% |
| PT | 12 | 16.4% | 61 | 83.6% | 73 | 3.1% |
| RO | 35 | 20.8% | 133 | 79.2% | 168 | 7.1% |
| SE | 1 | 10.0% | 9 | 90.0% | 10 | 0.4% |
| SK | 2 | 7.4% | 25 | 92.6% | 27 | 1.1% |
| SI | 4 | 28.6% | 10 | 71.4% | 14 | 0.6% |
| UK | 6 | 22.2% | 21 | 77.8% | 27 | 1.1% |
| Oħrajn | 2 | 100.0% | 0 | 0.0% | 2 | 0.1% |
| **Total** | **403** | **17.0%** | **1969** | **83.0%** | **2372** | **100.0%** |

FGI

| 2016 | Rġiel | | Nisa | | TOTAL | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| BE | 191 | 63.7% | 109 | 36.3% | 300 | 36.7% |
| BG | 2 | 100.0% | 0 | 0.0% | 2 | 0.2% |
| CY | 1 | 100.0% | 0 | 0.0% | 1 | 0.1% |
| CZ | 1 | 50.0% | 1 | 50.0% | 2 | 0.2% |
| DE | 3 | 75.0% | 1 | 25.0% | 4 | 0.5% |
| DK | 1 | 50.0% | 1 | 50.0% | 2 | 0.2% |
| EL | 28 | 71.8% | 11 | 28.2% | 39 | 4.8% |
| ES | 46 | 65.7% | 24 | 34.3% | 70 | 8.6% |
| ET | 1 | 50.0% | 1 | 50.0% | 2 | 0.2% |
| FI | 4 | 80.0% | 1 | 20.0% | 5 | 0.6% |
| FR | 47 | 65.3% | 25 | 34.7% | 72 | 8.8% |
| HR | 1 | 100.0% | 0 | 0.0% | 1 | 0.1% |
| HU | 3 | 75.0% | 1 | 25.0% | 4 | 0.5% |
| IE | 4 | 80.0% | 1 | 20.0% | 5 | 0.6% |
| IT | 148 | 70.5% | 62 | 29.5% | 210 | 25.7% |
| LT | 1 | 100.0% | 0 | 0.0% | 1 | 0.1% |
| LU | 2 | 100.0% | 0 | 0.0% | 2 | 0.2% |
| LV | 2 | 100.0% | 0 | 0.0% | 2 | 0.2% |
| MT | 0 | 0.0% | 1 | 100.0% | 1 | 0.1% |
| NL | 3 | 100.0% | 0 | 0.0% | 3 | 0.4% |
| PL | 3 | 12.0% | 22 | 88.0% | 25 | 3.1% |
| PT | 22 | 55.0% | 18 | 45.0% | 40 | 4.9% |
| RO | 4 | 36.4% | 7 | 63.6% | 11 | 1.3% |
| SE | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| SK | 2 | 100.0% | 0 | 0.0% | 2 | 0.2% |
| SI | 3 | 100.0% | 0 | 0.0% | 3 | 0.4% |
| UK | 3 | 33.3% | 6 | 66.7% | 9 | 1.1% |
| Oħrajn | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% | 0 | 0.0% |
| **Total** | **526** | **64.3%** | **292** | **35.7%** | **818** | **100.0%** |

## 5. DISTRIBUZZJONI SKONT ID-DĠ TAL-PERSUNAL BIL-KUNTRATT TAL-KUMMISSJONI

Hemm differenzi sinifikanti bejn id-DĠs, l-aktar minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom. Pereżempju, id-DĠ DEVCO jimpjega l-aktar FGIV responsabbli mill-għajnuna u l-kooperazzjoni internazzjonali jew li jaħdmu bħala maniġers ta' programmi, kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fid-Delegazzjonijiet. L-OIB, min-naħa l-oħra, jimpjega l-aktar assistenti amministrattivi jew indukraturi tat-tfal li huma fl-FGII. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka kompla bil-politika tiegħu li jissostitwixxi d-detenturi tal-għotjiet tiegħu b'persunal bil-kuntratt tal-FGIV, l-aktar maniġers ta' proġetti xjentifiċi li jipprovdu wkoll servizzi lil DĠs oħrajn f'diversi oqsma ta' riċerka.

## 5.1. Distribuzzjoni skont il-ġeneru u skont id-DĠ[7]

**Tabella 5 Distribuzzjoni skont il-ġeneru, id-DĠ u żewġ aggregazzjonijiet ta' gruppi ta' funzjonijiet**

| 2016 | FGIV | | | | FG I-II-III | | | | TOTAL GF KOLLHA | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rġiel | Nisa | Total | % | Rġiel | Nisa | Total | % | Total | % |
| SG | 16 | 12 | **28** | 27.2% | 20 | 55 | **75** | 72.8% | 103 | **1.4%** |
| SJ | 2 | 3 | **5** | 21.7% | 3 | 15 | **18** | 78.3% | 23 | **0.3%** |
| COMM | 9 | 32 | **41** | 11.2% | 101 | 223 | **324** | 88.8% | 365 | **5.1%** |
| EPSC | 2 | | **2** | 33.3% | | 4 | **4** | 66.7% | 6 | **0.1%** |
| TF50 | | | | 0.0% | | 2 | **2** | 100.0% | 2 | **0.0%** |
| ECFIN | 6 | 6 | **12** | 31.6% | 12 | 14 | **26** | 68.4% | 38 | **0.5%** |
| GROW | 21 | 13 | **34** | 27.6% | 28 | 61 | **89** | 72.4% | 123 | **1.7%** |
| COMP | 4 | 10 | **14** | 20.3% | 21 | 34 | **55** | 79.7% | 69 | **1.0%** |
| EMPL | 8 | 16 | **24** | 15.6% | 31 | 99 | **130** | 84.4% | 154 | **2.2%** |
| AGRI | 18 | 27 | **45** | 48.4% | 16 | 32 | **48** | 51.6% | 93 | **1.3%** |
| MOVE | 4 | 6 | **10** | 14.5% | 14 | 45 | **59** | 85.5% | 69 | **1.0%** |
| ENER | 4 | 7 | **11** | 19.6% | 11 | 34 | **45** | 80.4% | 56 | **0.8%** |
| ENV | 5 | 11 | **16** | 25.0% | 12 | 36 | **48** | 75.0% | 64 | **0.9%** |
| CLIMA | 4 | 3 | **7** | 31.8% | 2 | 13 | **15** | 68.2% | 22 | **0.3%** |
| CNECT | 31 | 29 | **60** | 28.2% | 45 | 108 | **153** | 71.8% | 213 | **3.0%** |
| RTD | 93 | 99 | **192** | 41.7% | 88 | 180 | **268** | 58.3% | 460 | **6.5%** |
| JRC | 433 | 297 | **730** | 67.7% | 124 | 224 | **348** | 32.3% | 1078 | **15.1%** |
| MARE | 12 | 11 | **23** | 38.3% | 6 | 31 | **37** | 61.7% | 60 | **0.8%** |
| FISMA | | | | 0.0% | 10 | 15 | **25** | 100.0% | 25 | **0.4%** |
| REGIO | 4 | 6 | **10** | 9.9% | 26 | 65 | **91** | 90.1% | 101 | **1.4%** |
| TAXUD | 1 | 3 | **4** | 28.6% | 3 | 7 | **10** | 71.4% | 14 | **0.2%** |
| EAC | 4 | 9 | **13** | 20.3% | 21 | 30 | **51** | 79.7% | 64 | **0.9%** |
| SANTE | 6 | 25 | **31** | 30.1% | 19 | 53 | **72** | 69.9% | 103 | **1.4%** |
| HOME | 6 | 5 | **11** | 34.4% | 4 | 17 | **21** | 65.6% | 32 | **0.4%** |
| JUST | 6 | 6 | **12** | 21.1% | 12 | 33 | **45** | 78.9% | 57 | **0.8%** |
| FPI | 26 | 23 | **49** | 57.6% | 8 | 28 | **36** | 42.4% | 85 | **1.2%** |
| TRADE | 4 | 4 | **8** | 16.3% | 10 | 31 | **41** | 83.7% | 49 | **0.7%** |
| NEAR | 177 | 185 | **362** | 70.0% | 59 | 96 | **155** | 30.0% | 517 | **7.3%** |
| DEVCO | 362 | 337 | **699** | 75.7% | 67 | 157 | **224** | 24.3% | 923 | **12.9%** |
| ECHO | 9 | 10 | **19** | 19.2% | 19 | 61 | **80** | 80.8% | 99 | **1.4%** |
| ESTAT | 12 | 17 | **29** | 30.9% | 26 | 39 | **65** | 69.1% | 94 | **1.3%** |
| HR | 1 | 6 | **7** | 4.4% | 56 | 97 | **153** | 95.6% | 160 | **2.2%** |
| DIGIT | 23 | 8 | **31** | 45.6% | 13 | 24 | **37** | 54.4% | 68 | **1.0%** |
| BUDG | 2 | 4 | **6** | 10.9% | 13 | 36 | **49** | 89.1% | 55 | **0.8%** |
| IAS | 1 | 2 | **3** | 30.0% | | 7 | **7** | 70.0% | 10 | **0.1%** |
| OLAF | 4 | | **4** | 12.1% | 11 | 18 | **29** | 87.9% | 33 | **0.5%** |
| SCIC | | | | 0.0% | 25 | 31 | **56** | 100.0% | 56 | **0.8%** |
| DGT | 25 | 43 | **68** | 47.6% | 24 | 51 | **75** | 52.4% | 143 | **2.0%** |
| OP | | 1 | **1** | 5.0% | 8 | 11 | **19** | 95.0% | 20 | **0.3%** |
| OIB | 2 | 15 | **17** | 2.2% | 243 | 529 | **772** | 97.8% | 789 | **11.1%** |
| PMO | | | | 0.0% | 123 | 280 | **403** | 100.0% | 403 | **5.7%** |
| OIL | 1 | | **1** | 0.5% | 78 | 121 | **199** | 99.5% | 200 | **2.8%** |
| EPSO | | | | 0.0% | 7 | 17 | **24** | 100.0% | 24 | **0.3%** |
| CdP-OSP | | | | 0.0% | | 9 | **9** | 100.0% | 9 | **0.1%** |
| **Total** | **1 348** | **1 291** | **2 639** | **37.0%** | **1 419** | **3 073** | **4 492** | **63.0%** | **7 131** | **100.0%** |

[7] Sors: Il-Pjattaforma Analitika tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni.

## 5.2. Distribuzzjoni skont it-tip ta' kuntratt[8]

### *5.2.1 Persunal bil-kuntratt 3a*

**Tabella 6 Persunal bil-kuntratt 3a skont il-grupp ta’ funzjonijiet, il-ġeneru u d-DĠ**

| 2016 | FGI | | | FGII | | | FGIII | | | FGIV | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | M | F | TOTAL | M | F | TOTAL | M | F | TOTAL | M | F | TOTAL | Total | % |
| AGRI | 6 | 7 | 13 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 1 | 3 | 16 | 0,5% |
| BUDG | 6 | 14 | 20 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 20 | 0,6% |
| CNECT | 14 | 5 | 19 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 19 | 0,6% |
| COMM | 31 | 8 | 39 | 35 | 137 | 172 | 24 | 64 | 88 | 9 | 32 | 41 | 340 | 10,6% |
| COMP | 8 | 2 | 10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 10 | 0,3% |
| DEVCO | 7 | 12 | 19 | 0 | 0 | 0 | 27 | 14 | 41 | 311 | 261 | 572 | 632 | 19,8% |
| DGT | 9 | 5 | 14 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 14 | 0,4% |
| DIGIT | 2 | 5 | 7 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 7 | 0,2% |
| EAC | 13 | 1 | 14 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 14 | 0,4% |
| ECFIN | 3 | 2 | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 5 | 0,2% |
| ECHO | 1 | 5 | 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 6 | 0,2% |
| EMPL | 7 | 17 | 24 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 24 | 0,8% |
| ENER | 5 | 9 | 14 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 14 | 0,4% |
| ENV | 3 | 3 | 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 6 | 0,2% |
| EPSC | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0,0% |
| EPSO | 3 | 0 | 3 | 4 | 15 | 19 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 24 | 0,8% |
| ESTAT | 4 | 5 | 9 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 9 | 0,3% |
| FISMA | 2 | 5 | 7 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 7 | 0,2% |
| FPI | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 3 | 5 | 8 | 20 | 18 | 38 | 48 | 1,5% |
| GROW | 7 | 11 | 18 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 18 | 0,6% |
| HOME | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0,0% |
| HR | 29 | 17 | 46 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 46 | 1,4% |
| JRC | 55 | 8 | 63 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 63 | 2,0% |
| JUST | 5 | 3 | 8 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 8 | 0,3% |
| MARE | 3 | 12 | 15 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 5 | 1 | 6 | 21 | 0,7% |
| MOVE | 4 | 7 | 11 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 11 | 0,3% |
| NEAR | 7 | 9 | 16 | 0 | 0 | 0 | 14 | 7 | 21 | 141 | 122 | 263 | 300 | 9,4% |
| OIB | 139 | 47 | 186 | 70 | 445 | 515 | 34 | 37 | 71 | 2 | 15 | 17 | 789 | 24,7% |
| OIL | 42 | 16 | 58 | 22 | 96 | 118 | 14 | 9 | 23 | 1 | 0 | 1 | 200 | 6,3% |
| OLAF | 8 | 2 | 10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 10 | 0,3% |
| PMO | 37 | 13 | 50 | 52 | 224 | 276 | 34 | 43 | 77 | 0 | 0 | 0 | 403 | 12,6% |
| REGIO | 7 | 5 | 12 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 12 | 0,4% |
| RTD | 22 | 7 | 29 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 30 | 0,9% |
| SANTE | 3 | 6 | 9 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 9 | 0,3% |
| SCIC | 19 | 7 | 26 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 26 | 0,8% |
| SG | 9 | 8 | 17 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 17 | 0,5% |
| TAXUD | 1 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0,1% |
| TRADE | 5 | 4 | 9 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 2 | 2 | 4 | 15 | 0,5% |
| Total | 526 | 292 | 818 | 183 | 919 | 1 102 | 150 | 181 | 331 | 493 | 453 | 946 | 3 197 | 100,0% |

[8] Sors: Il-Pjattaforma Analitika tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni.

### *5.2.2 Persunal bil-kuntratt 3b*

**Tabella 7 Persunal bil-kuntratt 3b skont il-grupp ta' funzjonijiet, il-ġeneru u d-DĠ**

| 2016 | FGII | | | FGIII | | | FGIV | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | M | F | TOTAL | M | F | TOTAL | M | F | TOTAL | Total | % |
| AGRI | 2 | 17 | **19** | 8 | 8 | **16** | 16 | 26 | **42** | **77** | **2,0%** |
| BUDG | 0 | 14 | **14** | 7 | 8 | **15** | 2 | 4 | **6** | **35** | **0,9%** |
| CLIMA | 1 | 12 | **13** | 1 | 1 | **2** | 4 | 3 | **7** | **22** | **0,6%** |
